**M I N U T I**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**ID-DISA' LEĠIŻLATURA**

**LAQGĦA STRAORDINARJA NUMRU 26**

2 ta' Frar 2026

Is-sitta u għoxrin (26) seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar it-Tnejn 2 ta' Frar 2026 fil-5.00pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Nigel Holland | ( NH ) | Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |
| Is-Sinjura Justine Vella Palmier | ( JVP ) | Kunsilliera |
| Is-Sur Dale Cachia | ( DC ) | Kunsillier |

ASSENTI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 26.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

26.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 26.2 FESTIVAL NAZZJONALI TAN-NAR TAL-ART MEKKANIZZAT;

26.2.1. Is-Sindku qal li hekk kif diskuss fl-aħħar tal-laqgħa tal-Kunsill huwa kien bagħat korrispondenza lill-Awtorità tat-Turiżmu fejn dawn kienu wieġbu u ikkonfermaw li kienu ser jassorbu l-ispejjeż tas-soltu.

26.2.2. Is-Sindku kompla billi qal li kien hemm kumment f'din il-korrispondenza li kien jgħid li l-festival li jorganizza l-Kunsill għandu jibqa' jagħmel parti mill-awspiċji tal-Kunsill u ma jagħmilx parti mill-festival internazzjonali tan-nar.

26.2.3. Is-Sindku qal li għalhekk issa jifdal il-problema taż-żieda fis-sussidju tal-kmamar tan-nar. Huwa qal li kien ser jipproponi li l-allokazzjoni li tinġieb mill-Gvern għal attivitajiet oħra tibda' tintuża għal dan il-festival iżda s-SE informah li l-iskema ma tkunx tkopri l-logħob tan-nar u għalhekk il-fondi ma jistgħux jintużaw għal dan il-għan.

26.2.4. Is-Sindku kompla billi qal li kien tkellem mal-Ministru Owen Bonnici dwar il-possibbiltà ta' għajnuna ill-Ministeru tal-Kultura.

26.2.5. Il-Viċi Sindku ippropona li l-Kunsill jerġa' jagħmel talba lil Visit Malta. Is-Sindku qal li dawn kienu għamluha ċara li mhux lesti iżidu iktar spejjeż ma' dawk li diġà se jkopru.

26.2.6. Il-Viċi Sindku JAE qal li hu kien bagħat għal sponsorships iżda għad ma kellux risposti. Huwa qal ukoll li kien tkellem ma' xi kmamar tan-nar sabiex jieħu feedback dwar dan kollu fejn il-kummenti kienu varji.

**Nota: 17:11 Il-Kunsilliera JP attendiet għal-laqgħa.**

26.2.7. Il-Kunsill iddiskuta diversi proposti biex jara kif jista' jipproċedi fuq din il-materja bl-inqas żieda fl-ispejjeż possibbli.

26.2.8. Kien hemm diversi suġġerimenti fosthom dak tal-Kunsilliera JP li ssuġġeriet li ssir raddiena waħda minflok tnejn u dik tas-Sindku li ippropona li għal din is-sena il-Kunsill jiffinanzja d-differenza fis-sussidju iżda jaħdem biex għas-snin li ġejjin jinġiebu sponsors biex din id-differenza tkun iffinanzjata aħjar.

**Nota: 17:24 Il-Kunsilliera SSH talbet li tkun skużata.**
**17:25 Il-Kunsilliera SSH reġgħet attendiet għal-laqgħa.**

26.2.9. Il-Viċi Sindku JAE staqsa dwar l-effett fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill. Is-SE wieġeb li l-Kunsill kien diġà qed jopera b'telf meta wieħed iqabbel l-allokazzjoni tal-Kunsill mal-ispejjeż kuntrattwali biss. Huwa qal li kwalunkwe spiża kienet ser tkompli żżid it-telf tal-Kunsill u tnaqqas ir-riservi li għandu l-Kunsill.

26.2.10. Is-SE kompla billi issuġġerixxa li l-Kunsill jaħdem biex iġib sponsorships sabiex jagħmlu tajjeb għal dawn l-ispejjeż.

26.2.11. Is-SE qal li nelfrattemp kien irċieva wkoll korrispondenza mingħand l-Għaqda Piroteknika Maltija sabiex tinżamm laqgħa mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' magħhom u jinformahom bl-eżitu ta' din id-diskussjoni.

26.2.12. Is-Sindku ressaq mozzjoni sabiex il-Kunsill, għal din is-sena, joffri sussidju ta' €3000 għal kull kamra tan-nar għal żewġ irdieden u din l-ispiża tiġi limitata għal massimu t'għaxar kmamar parteċipanti. Nelfrattemp għandu jsir kull sforz sabiex jinġiebu sponsorships. Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku JAE. Ittieħed vot bir-riżultat ikun wieħed favur b'mod unanimu.

26.2.13. Il-Kunsilliera SSH qalet li tixtieq tiċċara li hi ma tixtieqx li jkomplu jintefqu iktar flejjes minn dawk li diġà jintefqu u għalhekk ma jfissirx li għax m'oġġezzjonatx din is-sena, ma kienitx ser toġġezzjona fis-snin li ġejjin. Il-Kunsill innota dan.

## 26.3 Approvazzjoni tal-kwotazzjonijiet relatati ma' St. Patrick's (Sun)Day

26.3.1. Il-Kunsillier DC ressaq quddiem il-Kunsill ir-rapport tal-laqgħa tas-sottokumitat li saret dwar din l-attività.

**Nota:** **17:45 Is-Sindku NH talab li jiġi skużat.**
**17:48 Is-Sindku NH reġa' attenda għal-laqgħa.**

26.3.2. Il-Kunsill iddiskuta r-rapport imressaq mis-sottokumitat inkluż il-proposti tagħhom.

26.3.3. Is-Sindku NH ippropona li l-ilma li jiġi offrut lill-bandisti jiġi mixtri u jittieħed mill-Kunsill minflok mill-bars u dan sabiex ikomplu jitnaqqsu l-ispejjeż.

26.3.4. Is-Sindku ippropona wkoll li kuntrarju għal dak li soltu jsir, din is-sena ma jittellgħux bnadar u dan biex tiġi evitata l-ispiża relatata.

26.3.5. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandhom jintgħażlu A&S Audio System għall-palk u s-sawnd u l-Matthew James bħala l-grupp ewlieni. Din id-deċiżjoni ttieħdet wara li l-Kunsill analizza l-kwotazzjonijiet u ikkunsidra dak li hu kosteffettiv u ta' valur għall-flus kif ukoll l-esperjenza u s-segwaċi tal-artisti li kkwotaw.

26.3.6. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jitlob li l-Bieb tal-Bombi jinxtegħel kulur aħdar għal din l-okkażjoni.

## 26.4 TMIEM TAL-LAQGĦA

26.4.1. Il-laqgħa intemmet fis-6.08 pm.

**Konfermati, illum l-Erbgħa 11 ta' Frar 2026**

| | |
|---|---|
| (iffirmat) | (iffirmat) |
| Nigel Holland<br>Sindku | Malcolm Agius Muscat<br>Segretarju Eżekuttiv |